VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,114, 26 ta' Lulju, 2013
Taqsima B

A.L. 223 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Project Management taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Project Management taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Project Management;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Project Management;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Project Management; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara, ħlief l-ordinament 3 (b) li japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor minn din l-Università miksub mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'dixxiplina relatata mal-Ambjent Mibni, l-Arkitettura, l-Inġinerija Ċivili jew Strutturali, il-Management, l-Ekonomija, l-Accountancy, il-Liġi jew l-Inġinerija; jew

(b) grad ta' Bachelor minn din l-Università miksub mill-inqas fit-Tielet Klassi bl-Unuri fid-dixxiplini msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan l-ordinament, jekk ikollhom ukoll kwalifiki oħrajn jew għall-anqas 10 snin esperjenza f'xogħol rilevanti, miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu. Id-dħul tal-applikanti taħt dan l-ordinament għandu jkun suġġett għar-riżultati ta' valutazzjoni kif il-Bord jista' jqis xieraq; jew

(ċ) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, bħala komparabbli għall-kwalifiki msemmija f'paragrafu (a) ta' dan l-ordinament, partikolarment fejn l-applikant jista' juri li għandu mill-inqas 10 snin esperjenza f'pożizzjoni għolja ta' mmaniġġjar fil-qasam tal-kostruzzjoni, jew sħubija ma' istituzzjoni professjonali rikonoxxuta fil-qasam tal-kostruzzjoni. Id-dħul tal-applikanti taħt dan l-ordinament jista' jkun kondizzjonalment skont ir-riżultati ta' valutazzjoni kif il-Bord jista' jqis xieraq, iżda li tinkludi intervista.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jkun magħmul minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS ikunu assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS ikunu assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-inqas 50% u li ma jkomplux il-Kors, jew jekk komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meħtieġa li jirtiraw mill-Kors.

7. L-istudenti jitħallew ikomplu għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni jekk ikunu kisbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja minima ta' 65%.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fit-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-aħħar tat-tieni semestru.

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jkollhom kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom, mhux inqas minn darba fix-xahar.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

10. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.